MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' April, 2010

Numru 849/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**Vs.**

**CLYDE BONAVIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Clyde Bonavia ta’ 25 sena, iben il-mejjet Anthony u Emanuela nee’ Brincat mwieled Pieta’ fid-09 t’Awwissu, 1984 u residenti il-Faccilita Korrettiva ta’ Kordin li ghandu il-Karta ta’ l-Identita’ numru 0110684(M).

Billi huwa akkuzat talli nhar is-16 t’Awwissu, 2009 ghal habta ta’ 19.00 Hours, gewwa l-‘Forensic Unit’, taqsima tal-Faccilita Korrettiva ta’ Kordin, gewwa H’Attard;

1. bil-hsieb li jaghmel delitt, dolozament bil-hsieb li jaghmel ferita gravi wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi bi strument li jaqta' u bil-ponta (xafra) ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, ta' C.O. 156 Grazio Attard u P.C. 1555 George Casha liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta ta' l-imputat.
2. ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' C.O. 156 Grazio Attard u P.C. 1555 George Casha hekk kif iccertifika Dr. A. Zahra M.D. ta' l-Isptar Monte Carmeli u dan bi ksur tal-artikolu 221 (1) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.
3. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' kontra P.C. 1555 Casha, P.C. 1559 Carmel Muscat, C.O. 156 Grazio Attard u C.O. 136 Filippo sive Philip Zammit waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi, u dan ai terminu tal-artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. ingurja jew hedded persuni ta' whud inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe fuq il-persuni ta' P.C. 1555 George Casha, P.C. 1559 Carmel Muscat, C.O. 156 Grazio Attard u C.O. 136 Filippo sive Philip Zammit u dan ai terminu tal-artikolu 95 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. Flimkien ma thedid lil P.C. 1555 George Casha, P.C. 1559 Carmel Muscat, C.O. 156 Grazio Attard u C.O. 136 Filippo sive Philip Zammit, ukoll fil-kaz ta' thedid bil-fomm, ghamel ordni jew kundizzjoni u Kap 9 Artikolu 249 (1).
6. naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn P.C. 1555 George Casha, P.C. 1559 Carmel Muscat, C.O. 156 Grazio Attard u C.O. 156 Filippo sive Philip Zammit waqt li kienu qed jaqdu id-doveri taghhom jew ma halliex jew fixkielhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom. U dan ai terminu tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat gewwa l-ghassa tal-Hamrun u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.
8. L-Onor. Qorti giet wkoll mitluba li f'kaz ta' htija, tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 33 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta ir-reati saru minn persuna waqt li kienet prigunier b'sentenza deffinitiva.

Il-Qorti giet mitluba wkoll titratta ma' l-imputat Clyde Bonavia talli sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenza hija definittiva w ma jistawx jinbidlu.

Aktar il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni ta' P.C. 1555 George Casha, P.C. 1559 Carmel Muscat, C.O. 156 Grazio Attard u C.O. 136 Filippo sive Philip Zammit, bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. BKF1 u nnutat li l-imputat Clyde Bonavia m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qed jammetti l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 33A, 49, 50, 41(1)(a), 214, 216, 221(1), 96(a), 95, 249, 338(ee) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Clyde Bonavia, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-istess imputat Clyde Bonavia ghall-piena komplessiva ta' sitt (6) xhur prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-imputat Clyde Bonavia b'obbligazzjoni personali ta' elf Euro (Euro 1000), li jzomm il-kwiet ma' P.C. 1555 George Casha, P.C. 1559 Carmel Muscat, C.O. 156 Grazio Attard u C.O. 136 Filippo sive Philip Zammit u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Clyde Bonavia sabiex fi zmien sena millum ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' tlett mija u tnejn u ghoxrin Euro u tmienja u tletin centezmu ta' Euro (Euro 322.38) bhala spejjez inkorsi rigward l-inkarigu tal-espert Dr. Mario Scerrri M.D. nominat f'din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------